## Ċertifikat għall-ħaddiema tas-settur tat-trasport internazzjonali

## Li għandu jintuża mill-ħaddiema fis-settur tat-trasport għall-kontrolli fil-fruntieri interni meta dawn jiġu introdotti mill-ġdid minħabba kunsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika

Iċ-ċertifikat jista' jintuża minn kwalunkwe persuna li tkun qed taħdem abbord mezz ta' trasport li jkun qed iġorr merkanzija jew passiġġieri, b'mod partikolari s-sewwieq; minn kwalunkwe persuna li tkun sejra lejn il-post fejn jinsab il-mezz tat-trasport li tkun se tibda taħdem fuqu; jew minn kwalunkwe persuna oħra li taħdem fis-settur tat-trasport(1).

Għall-fini tal-qsim tal-fruntieri interni tal-Unjoni, id-detentur taċ-ċertifikat għandu jitqies bħala ħaddiem tas-settur tat-trasport internazzjonali.

Iċ-ċertifikat għandu jkun iffirmat kif xieraq mill-impjegatur meta l-ħaddiem ikun impjegat ta' impriża tat-trasport, jew mill-ħaddiem fil-kapaċità tiegħu ta' maniġer tal-impriża tat-trasport meta jkun ħaddiem għal rasu.

Iċ-ċertifikat għandu jkun rikonoxxut waqt il-kontroll fil-fruntieri bħala evidenza valida li l-persuna hija ħaddiem tas-settur tat-trasport internazzjonali.

Għall-fini tal-kontroll fil-fruntieri interni tal-Unjoni, il-ħaddiema tas-settur tat-trasport li jużaw iċ-ċertifikat (il-mudell hawn taħt) ma għandhom jintalbu jagħtu l-ebda dokument ieħor għajr l-identifikazzjoni personali tagħhom biex juru evidenza li huma ħaddiema tas-settur tat-trasport internazzjonali.

Meta jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni, il-ħaddiema tas-settur tat-trasport għandhom ikunu meħtieġa biss jagħtu d-dokumenti li huma previsti mil-leġiżlazzjoni tal-UE biex iwettqu l-attività tagħhom.

Il-verżjoni elettronika jew stampata taċ-ċertifikat għandha titqies bħala suffiċjenti.

(1) *Il-piloti u l-membri tal-ekwipaġġ tal-linji tal-ajru, u l-baħħara, huma koperti mill-punti 5.2 u 5.3 tal-Manwal*

| | |
|---|---|
| | **Ċertifikat għall-ħaddiema tas-settur tat-trasport internazzjonali** |

**B’dan nikkonferma li l-persuna li ġejja:**

Isem u kunjom:

Data tat-twelid:

Residenza:

**twettaq attivitajiet fit-trasport internazzjonali bħala***

☐ sewwieq ta’ vettura ħafifa, inkluż vettura kummerċjali ħafifa, karozza jew mutur

☐ sewwieq ta’ vettura tqila tal-merkanzija
☐ sewwieq ta’ xarabank/kowċ
☐ sewwieq tal-ferrovija
☐ membru tal-ekwipaġġ tal-ferrovija
☐ spettur tal-vaguni
☐ kaptan ta’ bastiment tan-navigazzjoni interna
☐ membru tal-ekwipaġġ ta’ bastiment tan-navigazzjoni interna

☐ sewwieq ta’ vettura li tesa’ sa 9 persuni li jkun qed iġorr waħda mill-kategoriji ta’ persuni ta’ hawn fuq, li jkun impjegat tal-istess impjegatur u jittrasportahom lejn il-post tax-xogħol jew mill-post tax-xogħol, u vjaġġi vojta konnessi ma’ tali trasport

☐ ħaddiem tas-settur tat-trasport ieħor, jekk jogħġbok speċifika:

** Immarka b’salib*

**Post u data:**

**Għall-kumpanija/l-uffiċċju/l-organizzazzjoni** *(Isem u firma):*